KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 09.08.2005
KUMM(2005) 367 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tħassar id-Deċiżjoni 2001/131/KE li tikkonkludi l-proċedura ta' konsultazzjoni ma' Haïti taħt l-Artikolu 96 tal-ftehim ta' sħubija ta' l-AKP-KE

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Id-Deċiżjonijiet ta' l-Artikolu 96

Wara l-elezzjonijiet difettużi ta' l-2000, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jqis is-sitwazzjoni f' Haiti bħala waħda li ma tikkonformax mal-prinċipji domestiċi tal-ftehim ta' Cotonou, u ddeċieda li fid-29 ta' Jannar 2001, skond l-Artikolu 96(2)(c) tal-Ftehim ta' Cotonou, jadotta miżuri xierqa li bihom ġiet parzjalment sospiża għajnuna lill-Haiti (l-ebda appoġġ dirett ta' baġit lill-Gvern ta' Haiti), l-ebda notifika tal-Fondi tad-9 EDF (239 M€) u l-bqija tal-fondi taħt it-8 EDF (84.4 M€) tpoġġew għall-benefiċċju dirett tal-poplu ta' Haiti. -UE kkundizzjonat in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha ma' Haiti mat-twettiq tal-kundizzjonijiet u l-miżuri previsti fir-Riżoluzzjoni OAS 822 dwar l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti.

Id-Deċiżjoni ta' l-2001 ġiet riveduta u mġedda b'mod effettiv bid-Deċiżjoni 2002/131/KE fil-21 ta' Jannar 2002, bid-Deċiżjoni 2003/53/KE fl-10 ta' Jannar 2003 u bid-Deċiżjoni 2003/916/KE fit-22 ta' Diċembru 2003.

Is-sitwazzjoni politika f'Haiti nbidlet drammatikament fl-2004 mat-tluq tal-President Aristide. L-iżviluppi politiċi mgħaġġla, (l-aktar importanti fosthom huma mniżżla fil-qosor hawn taħt), ġiegħlu li sseħħ analiżi sostanzjali tas-sitwazzjoni u d-Deċiżjoni 2004/681/KE li temenda d-Deċiżjoni 2001/131/KE ġiet adottata fl-24 ta' Settembru 2004. Tkun valida sal-31 ta' Diċembru 2005, iżda trid tiġi riveduta wara sitt xhur. Din id-Deċiżjoni effettivament neħħiet il-miżuri kollha li kien hemm qabel (jinħelsu € 95.6 miljun) bl-eċċezzjoni tal-firma tad-9 EDF tal-Programm Nazzjonali Indikattiv (€ 72 miljun) li jseħħ wara li jkunu saru l-elezzjonijiet nazzjonali skond ir-riżoluzzjoni 822 ta' l-OAS u meqjusa ħielsa u ġusti mill-istituzzjonijiet kompetenti ta' Haiti u l-Komunità internazzjonali.

Il-mixja tal-perjodu tranżitorju lejn gvern elett b'mod demokratiku li beda bit-twaqqif ta' Gvern interim fl-2004 u li se jwassal għal elezzjonijiet lokali, leġiżlattivi u presidenzjali fil-Ħarifa ta' l-2005, titlob analiżi tad-deċiżjoni attwali u tneħħi l-miżuri li jibqgħu kif ippreżentati hawn taħt, li jagħtu appoġġ konkret lill-Gvern tranżitorju f'dan il-perjodu diffiċili u ta' tħeġġiġ biex jiġi rrispettat il-proċess elettorali.

Elementi fl-Isfond

Fil-bidu ta' l-2004, perjodu twil ta' vjolenza u tixrid ta' demm wassal għat-tluq tal-President Aristide fid-29 ta' Frar 2004. Il-Prim Imħallef tal-Qorti Suprema Boniface Alexandre nħatar bħala President Interim u nħatar Gvern Interim, immexxi minn Gerard Latortue fis-17 ta' Marzu 2004. Il-Gvern interim intrabat li ser isejjaħ elezzjonijiet ħielsa u ġusti fi żmien 18-il xahar. Il-pjan attwali huwa li l-elezzjonijiet isiru fil-Ħarifa ta' l-2005; l-elezzjonijiet lokali jsiru fid-9 ta' Ottubru, u wara jsiru l-elezzjonijiet leġiżlattivi (parlamentari) u Presidenzjali fuq darbtejn: it-13 ta' Novembru u t-18 ta' Diċembru 2005 sabiex b'hekk il-President elett jieħu l-kariga fis-7 ta' Frar 2006. Il-Gvern Interim ta' Haiti ntrabat li se jagħti prijorità kbira sabiex fil-pajjiż jerġa' jkun hemm klima ta' sigurtà u kunfidenza - kruċjali għad-demokratizzazzjoni tal-pajjiż.

Ir-Riżoluzzjonijiet ta' l-NU tad-29 ta' Frar 2004 u tat-30 ta' April 2004, approvaw rispettivament il-ħolqien ta' Forza Multinazzjonali Interim segwita minn Forza ta' Stabilizzazzjoni (MINUSTAH), li ħadet it-tmexxija fl-1 ta' Ġunju taħt tmexxija Brażiljana, biex tgħin sabiex tistabbilizza s-sitwazzjoni ta' sigurtà u tappoġġa l-Gvern interim fil-proċess ta' demokratizzazzjoni. Il-mandat ta' MINUSTAH ġie estiż sa' l-aħħar ta' Ġunju 2005

sakemm isiru d-diskussjonijiet fil-Kunsill tas-Sigurtà għal estensjoni itwal, probabbli ta' 12-il xahar.

Wara konsultazzjonijiet informali f' Mejju 2004, fuq talba tal-Kunsill, il-PM Latortue indirizza ittra lill-Kummissarju għall-Iżvilupp ta' dak iż-żmien, is-Sur P Nielson, li fiha saħaq dwar l-impenji tal-gvern tiegħu waqt il-perjodu tranżitorju dwar diversi kwistjonijiet. F'April 2005 il-Kummissjoni ppreżentat rapport lill-Grupp tal-Kunsill AKP skond it-talbiet tad-Deċiżjoni għal reviżjoni wara sitt xhur. Ir-rapport ġie ppreparat flimkien ma' l-Ambaxxati ta' l-UE MS f' Port au Prince li jippreżenta s-sitwazzjoni fil-konfront ta' dawn l-impenji. F'Marzu 2005, il-Kummissarju L Michel għamel żjara f' Haiti u kellu konsultazzjonijiet estensivi biex janalizza s-sitwazzjoni minn hemm stess. Il-Kunsill tas-Sigurtà ta' l-NU f'April 2005 bagħat missjoni f'Haiti u s-Segretarju Ġenerali ta' l-NU ppreżenta rapport dwar il-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istabilizzazzjoni f'Haiti f'Mejju 2005. **Ir-rapporti kollha t' hawn fuq bejn wieħed u ieħor ipinġu stampa simili tas-sitwazzjoni f'Haiti.**

Is-Sitwazzjoni Attwali

Fuq il-front politiku, il-proċess ta' Djalogu Nazzjonali u Rikonċiljazzjoni beda fis-7 ta' April. L-inklużività ta' dan id-djalogu jibqa' ta' tħassib hekk kif il-partit ta' l-ex President Aristide jibqa' jirrifjuta li jiġi involut, minkejja r-rapporti li l-President qiegħed iħeġġeġ lil-Lavalas biex jieħu sehem. Numru ta' partiti politiċi żgħar bil-mod il-mod qegħdin jinġabru f'entitajiet politiċi akbar, fid-dawl ta' l-elezzjonijiet li ġejjin.

Il-kalendarju Elettorali, imsemmi hawn fuq, ġie rrapurtat li miexi 'l quddiem. L-elezzjonijiet huma r-responsabilità diretta tas-CEP – Kunsill Proviżorju ta' l-Elettorat – appoġġjat sew mill-MINUSTAH. Il-UNDP u l-OAS qegħdin jikkordinaw għajnuna għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet, dawn ta' l-aħħar b'mod partikolari fil-qasam ta' reġistrazzjoni ta' votanti. Il-baġit totali ta' l-elezzjonijiet bħalissa huwa ta' 62 miljun US$ u se jkun kopert minn donaturi. L-UE wiegħdet total ta' 18-il miljun €. Il-Kummissjoni qiegħda tipprepara biex tibgħat Missjoni ta' Osservazzjoni għall-elezzjonijiet. L-iffininanzjar għall-Missjoni ta' Osservazzjoni huwa addizzjonali għal dawn l-imsemmija 18-il miljun €.

Is-sitwazzjoni ta' sigurtà tibqa' prekarja u kawża ta' tħassib serju b' żieda rikurrenti ta' vjolenza, qtil, ħtif ta' persuni u serq armat. Il-Pulizija Nazzjonali ta' Haiti hija wisq dgħajfa u ma kellhiex iż-żmien toqgħod wara l-passat korrot tagħha biex tagħmel impatt sinjifikanti fuq is-sitwazzjoni ta' sigurtà. Għaldaqstant il-MINUSTAH qiegħda tipprovdi ħafna appoġġ u tipprova żżomm kontroll. Huwa ċar li l-mandat u r-riżorsi tal-MINUSTAH, kemm umani kif ukoll materjali, iridu jiġu rinfurzati biex din il-forza titħalla ssir aktar effettiva u tali proposti huma attwalment f'diskussjoni fl-UNSC.

Fil-qasam tad-Drittijiet Umani hemm xi titjib, hekk kif il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet umani li kienu l-politika tal-gvern ta' qabel mhumiex parti mid-diskors tal-Gvernijiet Interim. Madankollu, il-kotra kbira ta' klikek armati fil-pajjiż u l-kultura ta' impunità li teżisti minħabba individwi korrotti fil-forzi ta' sigurtà u d-dgħjufija estrema fis-sitema ġudizzjarja huma ta' tfixkil għall-isforzi lejn titjib sinifikanti fil-qasam tad-drittijiet umani. Il-KE qiegħda taħdem fuq programm biex isaħħaħ is-sistema ġudizzjarja flimkien mas- CIDA, filwaqt li donaturi oħrajn, inklużi l-UE MS huma attivi wkoll f'dik id-direzzjoni.

Xi operazzjonijiet, li għadhom relattivament sporadiċi, **tad-diżarmament ta' gruppi armati**, u speċjalment l-ex-Militari, bdew, partikolarment fiż-żona Cap Haitien, u ser ikollhom bżonn jaċċelleraw fil-binja tat-tip ta' livell ta' sigurtà li hemm bżonn biex isiru l-elezzjonijiet.

Appoġġ Internazzjonali għall-Haiti

Il-Gvern interim f'Haiti jgawdi appoġġ qawwi minn aġenti importanti, inklużi l-Istati Uniti, Franza, Spanja, u diversi Stati Latini Amerikani u korpi internazzjonali bħall-NU, l-OAS, il-Bank Dinji, l-IMF, il-Bank InterAmerikan ta' l-Iżvilupp u oħrajn. Ir-relazzjonijiet ma' CARICOM qegħdin jittejbu bil-mod il-mod wara li kien hemm tensjoni dwar il-kundizzjonijiet li kellhom x'jaqsmu mat-tluq tal-President Aristide.

Donaturi Internazzjonali u l-Gvern Interim adottaw Qafas Interim ta' Kooperazzjoni: QIK li ntuża bħala dokument bażiku għal Konferenza ta' Wegħdiet f'Washington f'Lulju 2005. Total ta' 1.2 biljun US$ ġie mwiegħed f'dik l-okkażjoni, bl-akbar wiegħda unika dik ta' l-UE.

Konferenza Internazzjonali dwar Haiti ġiet organizzata f'Cayenne f'Marzu 2005. F'dik l-okkażjoni d-donaturi reġgħu sostnew l-appoġġ dirett tagħhom billi reġgħu tennew il-wegħdiet magħmula fl-2004 f'Washington u impenjaw ruħhom sabiex jitħaffef it-tqassim ta' l-għajnuna biex tintwera solidarjetà ma' Haiti u b'hekk il-popolazzjoni ta' Haiti tkun tista' tara benefiċċji tanġibbli mill-proċess politiku ta' bidla li jinsab għaddej.

Il-gvern tal-Kanada, fuq ħsieb simili, qiegħed jorganizza Konferenza Internazzjonali dwar Haiti, f'Montreal f'Ġunju 16-17, li matulha dawk li jappoġġaw lil Haiti se jiddibattu kwistjonijiet relatati ma' sigurtà u stabilità, l-elezzjonijiet u t-twassil ta' l-għajnuna.

Irkupru ta' l-Ekonomija

Il-Fond Internazzjonali Monetarju wassal rapport pożittiv ta' l-isforzi tal-Gvern ta' Haiti sabiex ikun hemm irkupru ta' l-ekonomija. Filwaqt li għaraf li l-irkupru huwa proċess bil-mod, minħabba l-kundizzjonijiet ġenerali diffiċli fil-pajjiż, ir-rapport jagħraf li l-isforzi tal-Gvern wasslu għal tnaqqis fl-inflazzjoni, stabilizzazzjoni fir-rata ta' l-iskambju u żieda netta fir-riżervi internazzjonali. L-Eżekuzzjoni skond l-IMF SMP (April-Settembru 2004) kienet waħda sodisfaċenti, l-għanijiet kwantitattivi kollha ntlaħqu b'marġni wiesgħa u sar progress tajjeb fuq miżuri strutturali[1]. Dan ġie segwit b'EPCA (Ottubru 2004-Settembru 2005). Għal darb'oħra, l-għanijiet kwantitattivi ġew osservati u miżuri strutturali implimentati. Haiti ħelset l-arretrati mal-Bank Dinji u b'hekk il-BD seta' japprova operazzjoni mgħaġġla ta' aġġustament ta' tqassim ta' flus. Madankollu, ammonti inqas milli mistennija ta' dħul u dewmien fl-azzjonijiet ffinanzjati minn donaturi wasslu għal ħtieġa ta' reviżjoni tal-baġit u wasslu sabiex bilfors kellu jkun hemm tqassim mill-ġdid tal-prijoritajiet ta' l-ispejjeż sabiex ikun hemm appoġġ massimu għall-irkupru ta' l-ekonomija. Skond ir-rapport ta' l-Artikolu IV, l-IMP tipprevedi tkabbir reali tal-GDP ta' 3 fil-mija u inflazzjoni ta' 10 fil-mija, fl-2005/2006. L-isfida minn hemm 'l quddiem tkun sabiex issostni t-tkabbir ta' 4 fil-mija u tiġġenera d-dħul tal-gvern li hemm bżonn biex tiffinanzja titjib sostanzjali fis-servizzi soċjali u fil-kapaċità istituzzjonali tas-settur pubbliku. "Suċċess fl-elezzjonijiet, fir-rikonċiljazzjoni nazzjonali u fl-appoġġ kontinwu tad-donaturi ser ikunu prerekwiżiti kruċjali" (1).

Proposta tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni kkunsidrat is-sitwazzjoni politika u ta' drittijiet umani, li minkejja li xorta mhux l-aqwa, qiegħda tevolvi. Madankollu, l-isforzi biex jinżammu l-impenji li għandhom x'jaqsmu mal-kalendarju elettorali, l-eżekuzzjoni tajba mill-gvern fil-proċess ta' rkupru

[1] Rapport tal-Persunal MF dwar il-Konsultazzjonijiet ta' l-Artikolu IV ta' l-2005.

ekonomiku li huwa kruċjali għall-ġlieda kontra l-faqar li jqajjem l-iskuntentizza, il-vjolenza u l-insigurtà; l-espressjoni vasta ta' appoġġ għall-poplu ta' Haiti u l-Gvern Interim mill-Komunità Internazzjonali; iż-żmien meħtieġ li jrid jittieħed f'kunsiderazzjoni sabiex jittellgħu u jitqassmu l-programmi ta' l-għajnuna dwar l-iżvilupp, wasslu lill-Kummissjoni biex tipproponi li l-miżura ta' l-Artikolu 96 li għandha x'taqsam mar-rilaxx ta' 72 miljun € tad-9 EDF titneħħa.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-ittra lill-Prim Ministru ta' Haiti li tħabbar it-tneħħija tal-miżuri, għandha tenfasizza l-importanza li l-UE tagħti lid-demokrazija, l-istat tad-dritt, it-tmexxija tajba u drittijiet umani u li tinkoraġġixxi lill-gvern ta' Haiti biex iżomm l-isforzi fl-implimentazzjoni ta' l-impenji tiegħu li daħal għalihom fil-konfront ta' l-UE u l-poplu ta' Haiti.

L-Unjoni se tkompli l-assoċjazzjoni mill-qrib ma' l-iżviluppi f' Haiti permezz ta' djalogu politiku kontinwu u mtejjeb, fil-kuntest tal-Ftehim tal-Cotonou, flimkien mal-gvern Interim u mal-Gvern il-ġdid li se joħroġ mill-elezzjonijiet li ġejjin.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tħassar id-Deċiżjoni 2001/131/KE li tikkonkludi l-proċedura ta' konsultazzjoni ma' Haïti taħt l-Artikolu 96 tal-ftehim ta' sħubija ta' l-AKP-KE

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

wara t-trattat li stabilixxa l-Komunità Ewropea,

wara l-ftehim ta' sħubija AKP-KE[2], li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003, u partikolarment l-Artikolu 96 tiegħu,

wara l-ftehim intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvern u ta' l-Istati Membri, fl-laqgħa mal-Kunsill, rigward il-miżuri li se jittieħdu u l-proċeduri li se jittieħdu wara biex jidħol fis-seħħ il-ftehim ta' sħubija AKP-KE[3], u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,[4]

Billi:

(1) Fuq bażi tad-Deċiżjoni 2001/131/KE[5], l-għajnuna finanzjarja mogħtija lill-Haiti ġiet sospiża parzjalment, "miżuri xierqa" ġew adottati skond l-Artikolu 96(2)(c) tal-ftehim tas-sħubija ta' l-AKP-KE

(2) Id-Deċiżjoni 2004/681/KE tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2005 u titlob reviżjoni tal-miżuri wara sitt xhur.

(3) F'Marzu, grupp ta' ħidma, stabbilit mill-presidenza ta' l-Unjoni Ewropea f' Haiti, il-Kummissjoni Ewropea u r-rappreżentanti ta' l-Istati Membri f'Haiti, ħarġu rapport ta' evalwazzjoni dwar il-progress ta' impenji speċifiċi tal-Gvern ta' Haiti dwar l-elementi essenzjali ta' l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou, partikolarment ir-rispett għad-drittijiet umani, il-prinċipji demokratiċi u l-istat ta' dritt, fid-dawl li l-pajjiż jerġa' lura għal tmexxija sħiħa ta' demokrazija kostituzzjonali.

(4) Is-sitwazzjoni attwali f'Haiti hija tassew allarmanti f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà, rispett għad-drittijiet umani u faqar. Din is-sitwazzjoni ġiet ikkonfermata bir-rapport tal-missjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti f'April 2005. Madankollu, il-Komunità internazzjonali kkonfermat diversi drabi l-impenn tagħha li

---

2 ĠU L 317 tal-15.12.2000, p.3.
3 ĠU L 317 tal-15.12.2000, p. 376.
4 ĠU C […]tal […], p. […]
5 ĠU L 48 tas-17.02.2001, p. 31. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-deċiżjoni 2004/681/KE (ĠU L 311 tat-08.10.2004, p. 30).

tappoġġja l-gvern tranżitorju u l-poplu ta' Haiti fl-isforzi tagħhom f'isem id-demokrazija u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali.

(5) Il-Gvern tranżitorju ħaqqu l-kunfidenza ta' L-Unjoni Ewropea biex jassigura tranżizzjoni politika b'mod partikolari mill-organizzazzjoni tal-lezzjonijiet ħielsa u ġusti f'konformità mal-kalendarju elettorali mħabbar,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2001/131/KE ġiet irrevokata:

L-Anness ġie sostitwit bit-test mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni se tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Il-Parlament Ewropew se jkun immedjatament u kompletament infurmat b'din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, [□]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Ittra indirizzatta lill-Gvern Tranżitorju ta' Haiti

Għażiż Sinjur,

L-Unjoni Ewropea tagħti importanza kbira lid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou. Is-sħubija AKP-KE hija bbażata fuq ir-rispett tad-drittijiet umani, prinċipji demokratiċi u l-istat ta' dritt. Dawn huma elementi essenzjali tal-Ftehim imsemmi hawn fuq u għalhekk jagħmlu l-bażi tar-relazzjonijiet ta' bejnietna.

F'dan ir-rigward, l-Unjoni Ewropea segwiet mill-qrib it-tranżizzjoni f'Haiti li bdiet bil-ħatra tal-Gvern trażitorju ġdid f' Haiti, taħt it-tmexxija tiegħek, li nħatar fis-17 ta' Marzu 2004 wara proċess ta' konsultazzjoni estensiv ibbażat fuq il-pjan CARICOM/OAS.

Fit-12 ta' Mejju 2004, saru diskussjonijiet fi Brussell bejnek u bejn il-Kummissjoni Ewropea bil-ħsieb li tiġi eżaminata l-aġenda politika tal-Gvern Tranżitorju fir-rigward tar-restawr tat-tmexxija demokratika u kostituzzjonali. L-Unjoni Ewropea ħadet nota ta' l-impenji tiegħek partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mat-titjib fis-sitwazzjoni tad-drittijiet umani, il-ħolqien ta' prinċipji demokratiċi inkluż it-twettiq ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, it-tmexxija skond il-liġi u tmexxija tajba, kif iddikjarat fl-ittri tiegħek tal-25 ta' Mejju 2004 lill-Kummissjoni Ewropea. Dawn l-impenji ta' rbit, li huma dejjem validi, għandhom eventwalment iwasslu għal stabbilità politika akbar f'Haiti.

L-Unjoni Ewropea kienet qiegħda ssegwi mill-qrib l-iżviluppi fl-oqsma kollha f'Haiti u kellha rwol attiv fl-isforzi tal-Komunità Internazzjonali biex tgħin lill-pajjiż jimxi lejn it-triq ambizzjuża u diffiċli ta' tmexxija demokratika. Nemmnu bis-sħiħ fid-dritt tal-poplu ta' Haiti għal ħajja aħjar, f'Haiti li hija sigura u stabbli, fejn il-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet umani, l-istat ta' dritt u t-tmexxija tajba huma rrispettati bis-sħiħ.

L-Unjoni Ewropea, kif tafu, kellha rwol importanti fil-formulazzjoni u l-adozzjoni tal-Qafas Interim ta' Kooperazzjoni u kienet l-akbar donatriċi għall-impenn lejn l-iżvilupp f' Haiti fil-Konferenza ta' Washington fl-2004. Minn dak iż-żmien 'l hawn, sar ħafna progress u ċ-ċirkulazzjoni tal-fondi bil-mod il-mod qiegħda tilħaq il-livelli mixtieqa hekk kif il-kapaċità tal-pajjiżi li jassorbu l-għajnuna finanzjarja u teknika qiegħda tikber.

L-Unjoni Ewropea ħadmet fil-qrib ma' l-aġenti internazzjonali importanti u esprimiet l-appoġġ sħiħ tagħha għall-Missjoni ta' l-NU f'Haiti, MINUSTAH, u l-isforzi tagħha biex tgħin lill-Gvern u lill-Puluzija Nazzjonali ta' Haiti biex jistabbilixxu s-sigurtà u l-istabblità li huma meħtieġa għall-pajjiż biex jimxi 'l quddiem lejn l-elezzjonijiet fil-Ħarifa ta' l-2005 u għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-programmi sostenibbli ta' żvilupp.

L-Unjoni Ewropea analizzat il-progress li ntlaħaq min-naħa politika u ekonomika, permezz tar-riżorsi tagħha u permezz tar-rapporti tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar Haiti u ddeċidiet li l-miżuri meħuda taħt id-Deċiżjoni xxx jiġu rrevokati. Taħt dawk il-miżuri, il-firma tal-Programm Nazzjonali Indikattiv għal Haiti skond id-9 EDF kellha ssir wara l-elezzjonijiet nazzjonali u mal-gvern il-ġdid elett b' mod demokratiku. Bħalissa, l-ipprogrammar tad-9 EDF għaddej mal-Gvern u l-NIP issa se jiġi ffirmat hekk kif dan l-eżerċizzju ta' l-ipprogrammar jintemm. Huwa importanti li dan il-proċess iseħħ malajr kemm jista' jkun sabiex l-azzjonijiet relatati li jġibu benefiċċji għal poplu ta' Haiti jiġu implimentati malajr.

Huwa importanti għas-suċċess tal-kooperazzjoni biex jiżgura kapaċità msaħħa u impenjattiva għall-għajnuna, li bħalissa hija nieqsa, permezz ta' ggvernar tajjeb u miżuri għal bini ta' kapaċità tal-ġestjoni ta' l-għajnuna. Il-modalitajiet ta' implimentazzjoni ser ikunu dawk adattati għall-kapaċità tal-pajjiż għall-ġestjoni xierqa tal-finanzi pubbliċi.

L-Unjoni Ewropea ser issegwi mill-qrib aktar żviluppi fil-proċess ta' demokratizzazzjoni, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ilħuq ta' l-impenji tal-Gvern trażitorju f'oqsma tad-drittjiet umani, djalogu nazzjonali, prinċipji demokratiċi, tmexxija ekonomika u l-passi lejn elezzjonijiet lokali, nazzjonali u presidenzjali. Nilqgħu l-aħbar tal-kalendarju elettorali bl-elezzjonijiet lokali li ser isiru f'Ottubru 2005 u l-Elezzjonijiet Nazzjonali u Presidenzjali li se jsiru f'darbtejn, f'Novembru u Diċembru 2005, u b'ħekk il-Gvern il-ġdid jieħu postu fi Frar 2006. L-Unjoni Ewropea temmen bis-sħiħ li xejn m'għandu jitħalla jżomm lura dan il-kalendarju kruċjali u qiegħda tipprovdi appoġġ għall-proċess elettorali għal prezz ta' 18-il miljun €. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea qiegħda tikkonsidra Missjoni Elettorali ta' Osservazzjoni.

L-Unjoni se tkompli l-assoċjazzjoni mill-qrib ma' l-iżviluppi f' Haiti permezz ta' djalogu politiku kontinwu u mtejjeb, fil-kuntest tal-Ftehim tal-Cotonou, flimkien mal-gvern tiegħek u mal-Gvern il-ġdid li se joħroġ mill-elezzjonijiet li ġejjin.

Jekk jogħġbok, Sinjur, aċċetta l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tagħna.

Brussell,

Għall-Kummissjoni

Għall-Kunsill

Il-President